Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ĦAMSA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.35am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg
Is- Sur Andrew Zammit Montebello

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħa u Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 2 ta' Lulju 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-ilment li kien ressaq is-Sur Noel Borg ta' Triq Il-Kbira ġie indirizzat.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab lill-Kunsill li jerġa' jikkunsidra t-talba tiegħu li kien għamel fl-aħħar laqgħa biex il-bank li hemm quddiem l-iSmugglers Bar, Triq Il-Kbira, Ħal Balzan jinqala' minn hemm u jitpoġġa 'l fuq lejn l-iskola. Huwa poġġa fuq il-mejda artiklu meħuda minn The Sunday Times of Malta fejn hemm il-ħsieb li jkun hemm *one stop shop* inter departimentali fejn jiġu approvati l-permessi tal-imwejjed barra l-istabbilimenti tal-bars. L-Artiklu jgħid li l'quddiem ser tinbidel il-leġislazzjoni f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li ser jibqa' jsostni dak li qal fil-laqgħa preċedenti fejn ir-residenti ma għandhomx ibatu biex jinqeda persuna. Naqilgħu bank tan-nies biex jaqla' l-flus. Huwa ma għandu xejn personali kontra s-sid tal-bar.

Il-Viċi Sindku Joe Galea huwa tal-istess fehma u d-deċizjoni meħuda mill-Kunsill għandha tibqa' fis-seħħ.

**F'dan il-ħin dahal is-Sindku ( 9.15am)**

Fuq dan il-kaz is-Sindku fuq insistenza tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab lis-Segretarju li ma jipparteċipax fid-diskussjoni ta' din il-materja. Huwa qal li fil-laqgħa ta' qabel ma kienx prezenti f'dik id-diskussjoni u lanqas mhux ser jieħu sehem fiha issa.

Il-Kunsill irriaffirma d-deċizjoni li kienet ttieħdet fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill li ma tintlaqax it-talba tal-Kunsillier Stephen Gatt.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4102**: Talba mingħand ir-residenti Camilleri li joqgħdu fi triq Birbal fejn qed jinsistu mal-Kunsill li trid tittieħed azzjoni fir-rigward tal-Bring In Site li tinsab f'Wesgħa Profs Guze Aquilina.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jiġbor informazzjoni fuq xi kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' cameras mal-Bring In Sites kif ukoll għal playground u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Ittra Nru. 4108**: Talba mingħand is-Sinjura Fabri biex jitpoġġa scaffolding fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan pero' s-sid irid jara li tkun attwata l-proċedura tas-saħħa u s-sigurta'.

**Ittra Nru 4114**: Ittra mingħand il-Kazin Marija Annunzjata fejn qed jitolbu lill-Kunsill li ħsara li saret fil-katusa ta' bejn l-inspection tal-kazin u l-main tal-gvern u li skont huma din il-ħsara saret kaġun tax-xogħolijiet li kienu saru fil-pjazza dan l-aħħar, tissewwa mill-Kunsill.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jinforma lill-Perit Bezzina u l-Kuntrattur li kien għamel ix-xogħolijiet biex iħejju rapport tekniku għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbgħatu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Ilment Nru 17014064213264**: Ħsara fuq il-pavimentar fi Sqaq Nru 1, Triq Santa Marija wara li sar xogħol ta' *trenching* mill-WSC. Il-Kunsill talab lis- Segretarju biex jikteb lill WSC biex jerġgħu jaqgħmlu l-pavimentar fl-istat li kien qabel u qed iżomm responsabbli lid- Dipartiment tal-ħsarat li saru.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Day Care Centre

Il-Kunsillier Guido Borg ta d-dettalji tal-laqgħa li kellu mas-Sinjura Bernardette Psaila mid-Dipartiment tal-Anzjani fejn infurmatu li jrid isir xogħol strutturali fis-sala biex ikun jista' jakkomoda l-anzjani. Huwa informa lis-Sinjura Psaila li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li joħroġ il-flus għal dan il-għan.

Hija infurmatu li sakemm ma jkunx hemm l-approvazzjoni tad- dipartiment, il-Kunsill ma għandu jieħu ebda passi ulterjuri f'dan ir-rigward.

## 5 Komunikazzjoni tas- Sindku

Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa li kellu maċ-ċermen tal-Kunsill Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilita' fejn ġew diskussi varji temi fosthom il-policies il-ġodda fuq il-parking tad-disabled u fuq nuqqas ta' aċċessibilita. Is-sindku ġie mgħarraf li fil-lokalita' ta' Ħal Balzan hawn 160 persuna li għandhom il-blue sticker.

Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa kordjali li kellu l-Kunsill mas-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo fejn fost it-temi diskussi kien hemm il-problema ta’ post alternattiv għall-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Parlamentari wiegħed li ser jagħti l-għajnuna kollha possibbli. Hawnhekk is-Sindku talab lil Kunsill li għandna nerġgħu niktbu lill-Joint Office biex terġa’ tikkunsidra t-talba tagħna biex l-art li hemm F’Wesgħa Profs Guze Aquilna li hija propjeta’ tal-Joint Office tingħata biex jiġi żviluppat Civic Center kif kien hemm propost.

Il-Kunsill approva u talab lis-segretarju biex jikteb lill-Awtoritajiet konċernati f’dan ir-rigward.

Is-Sindku qal li kollox mar sew waqt il-festa titulari ta’ Ħal Balzan u ma kien hemm ebda problemi.

## 6 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-24 ta’Lulju 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 19,596.62

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 7 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa lis-segretarju jekk kienx hemm xi żviluppi fuq ix-xelter tal-karozzi tal-linja.

Is-segretarju wieġeb li ktibna lill-Transpport Malta biex jingħata wiċċ ġdid tal-art biex tkun lixxa imma s’issa ma għandna l-ebda tweġiba.

Il-Kunsillier Stephen Gatt stqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq iż-zebra crossing ta’ ħdejn l-HSBC.

Is-segretarju wieġeb li Transport Malta kienu qed isibu oġġezzjoni biex issir fejn qegħda u għandna problema minħabba cables tad-dawl biex tiġi mressqa.

Hawnhekk is-Sindku talab lis-segretarju biex jindaga mal-Kunsill ta’ Attard u jara xi proċedura kienu ħadu biex għamlu solar panels ma’ l-arbli tad-dawl taz-zebra crossings.

Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-landscaping tar-roundabout fi Triq L-Għerusija.

Is-Segretarju wieġeb li hemmhekk qed isir manutenzjoni regolari tar-roundabout biss u l-Kunsill mhuwiex f’pożizzjoni finanzjarja li jagħmel tip ta’ landscaping.

Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa fuq l-ittra li kienet inbgħatet mill-Kunsill Nazzjonali għall-Persuni b’Dizabilita’ fuq l-arbli tal-festa.

Is-segretarju wieġeb li kopja ta’ din l-ittra ntbgħatet lill-Għaqdiet tal-Banda u Festa biex kemm jista’ jkun isegwu l-policies tal-KNPD.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk saritx il-bozza li hemm fi Triq it-Tlett Knejjes ħdejn ir-Rojolin Bakery.

Is segretarju wieġeb li din il-bozza tranġat.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq talba tas-Sur Mario Nappa biex is-Sindku jikteb ittra lill-Transport Malta fejn isostni li Triq Birbal taqa’ taħt ir-responsabbilta’ tal-Gvern Ċentrali.

Is-Sindku ser jikteb din l-ittra biex jafferma dak li ntalab mis-Sur Nappa.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment li ntbgħatlu fuq facebook fuq l-iskips li jinsabu fi Triq Annunzjata li minħabba li hemm żewġ parking spaces quddiem l-iskips, in-nies mhux qed tarmi ż-żibel ġo fihom.

Is-Sur Zammit Marmara ġie mgħarraf li l-parking bays jinsabu fuq in-naħa l-oħra u mhu qed jkun hemm ebda ostaklu pero’ s-Segretarju ntalab biex it-tindif tal-iskips ikun aktar frekwenti.

Il-Viċi Sindku Joe Galea talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-ħaddiema tal-Kunsill fi Pjazza Bertu Fenech taħt il-bankina ta’ quddiem il-propjeta tas-Sur Guzeppi Vassallo jagħmlu xi xogħolijiet li jgħaddu katusa biex il-bir li għandu s-sid jkun jista’ jieħu fiħ l-ilma tax-xita. Huwa qal li m’hemmx xogħolijiet kbar xi jsiru.

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta’ Awwissu 2014 fid-9.00am.

__________________________
**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

__________________________
**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

__________________________
Data